**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 185**

It-Tnejn, 4 ta' Diċembru 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli l-Onor. Roderick Galdes, il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet l-Onor. Silvio Schembri, il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali l-Onor. Aaron Farrugia, il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Byron Camilleri, il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol l-Onor. Clyde Caruana, il-Ministru għall-Ġustizzja l-Onor. Jonathan Attard u l-Onor. Alex Muscat kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Omar Farrugia kien imsiefer fuq xogħol parlamentari.

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Chris Fearne, il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima, l-Onor. Ivan J. Bartolo, l-Onor. Albert Buttigieg, l-Onor. Abigail Camilleri, l-Onor. Stephen Spiteri u l-Onor. Romilda Zarb kienu skużati.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 184 li saret fid-29 ta' Novembru 2023 kienu kkonfermati.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2728 Tweġiba għal mistoqsija parlamentari 28 li saret lis-Sedja mill-Onor. Graziella Galea dwar Responsabilità Ministerjali għal Mistoqsijiet Parlamentari.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.31 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 11890 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2729 Tagħrif dwar in-numru ta' rapporti dwar high u low voltage li rċeviet l-Enemalta ġewwa Għawdex maqsuma lokalità b'lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 13421;

P.L. 2730 Skeda ta' ship-to-shore transfers fil-perjodu bejn l-2022 u l-2023, sabiex l-Armada LNG Mediterrana li jservi bħala FSU fil-port ta' Marsaxlokk, jimtela bil-gass, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 13964; u

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2731 Tagħrif dwar il-ħlasijiet li saru mill-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) lil media houses bejn Jannar 2020 u Novembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 13829;

P.L. 2732 Tagħrif dwar il-ħlasijiet li saru mill-Bank Ċentrali ta' Malta lil media houses bejn Jannar 2020 u Novembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 13830; u

P.L. 2733 Tagħrif dwar il-ħlasijiet li saru mill-Borża ta' Malta lil media houses bejn Jannar 2020 u Novembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 13831.

**MOZZJONIJIET**

**196. ABBOZZ TA' LIĠI SABIEX IKOMPLI JEMENDA L-ATT DWAR IL-GOVERNANZA SPORTIVA U L-INTEGRITÀ FL-ISPORT**

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi sabiex ikompli jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport.

L-Onor. Katya De Giovanni ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport, Kap. 626" inqara l-ewwel darba.

**197. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI**

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, f'isem il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali.

L-Onor. Davina Sammut Hili ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att li jemenda l-Kodiċi Kriminali" inqara l-ewwel darba.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

### 1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (EMENDA NRU 2) - ABBOZZ 75

L-Ispeaker qara lill-Kamra dan il-Messaġġ mingħand il-President ta' Malta mgħoddi lilu mis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul.

**GEORGE VELLA**
**PRESIDENT**

Il-President, wara li kien informat dwar is-suġġett tal-Abbozz ta' Liġi "sabiex ikompli jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452", jirrakkomandah għall-konsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

24 ta' Novembru 2023

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, f'isem il-Prim Ministru ppropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452".

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Ivan Castillo, l-Onor. Clayton Bartolo u l-Onor. Claudette Buttigieg.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Ivan Castillo, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2734 Web-page mis-sit tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg (DIER), dwar Aġenziji tal-Impieg taħt it-titolu Information.

Fis-6.56 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata u l-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

## AĠĠORNAMENT

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tlieta, 5 ta' Diċembru 2023, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

## MOZZJONIJIET

L-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Liġijiet dwar il-Komunikazzjonijiet.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali — Tieni Qari (Kont.)

Abbozz ta' Liġi li jemenda Varji Liġijiet

| | |
|---|---|
| dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Emenda Nru 2) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 8) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 9) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 7) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Gvern Lokali | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar in-Navigazzjoni fl-Ajru | Tielet Qari |
| Mozzjoni li temenda l-Avviż Legali 136 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 dwar Tqegħid Temporanju ta' Caravans f'Lokalitajiet | Votazzjoni |
| Estimi Ġenerali għas-sena 2024 – Kumitat ta' Provvista Approprjazzjoni u l-Estimi Supplimentari (Tieni Approprjazzjoni) | Votazzjonijiet |

-----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija | Kumitat Permanenti |

Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja — Kumitat Permanenti

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni mill-Onor. Graziella Attard Previ, l-Onor. Robert Cutajar u l-Onor. Darren Carabott.

Fis-7.27 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 5 ta’ Diċembru 2023, bl-aġenda kif komunikata mis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. DAVID AGIUS**
**DEPUTY SPEAKER**